MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2010

Numru. 948/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Josef Rhouni**

Kumpilazzjoni Nru: 948/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Rhouni, ta’ 39 sena, bin Mohammed u Fatima nee’ Zhri, imwieled Morocco, fil-15 ta’ April, 1968 u residenti gewwa Gold Metal Flats Flat D Triq il-Hgejjeg San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 286995(M).

Talli f’ dawn il-gzejjer, f’ Marzu 2007 u fix-xhur ta’ qabel f’ San Pawl il-Bahar f’ xi hin volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’

ghamel xi hsara f’ karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni LAW 290 liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira u anqas minn elf lira ghad-dannu ta’ terzi persuni.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi din hija kawza dwar hsara ikkawzata fil-vettura ta’ certu Lawrence Bianco fil-19 ta’ Marzu 2007, liema hsara allegatament giet ikkawzata mill-imputat.

Illi ghandu jigi rilevat mill-ewwel li din il-kawza hija karatterizzata b’kontradizzjonijiet u zbalji fix-xhieda mghotija kif ukoll xi fatti li bil-forsi iqajjmu certi dubbji.

Illi l-incident mertu ta’ dawn l-proceduri sehh fid-19 ta’ Marzu 2007 pero Bianco mar jaghmel rapport dwaru ghaxart ijiem wara u cioe fid-29 ta’ Marzu 2007; ma ta l-ebda spjega ghal dan id-dewmien.

Illi l-ufficjal prosekutur qalet li meta hi kellmet lill-imputat biex tiehu l-istqarrija tieghu dan kien fizikament differenti hafna minn kif prezenta ruhu f’l-awla aktar minn sena wara; hija qalet ukoll li l-imputat kellu x-xaghar dak iz-zmien, fil-waqt li f’l-udjenzi mizmuma huwa prezenta ruhu b’xagharu mqaxxar; hi qalet li tant kien differenti li lanqas biss gharfitu. L-ufficjal prosekutur prezentat ukoll sitt stills[1] mehuda mir-recording ta’ nhar id-19 ta’ Marzu 2007 tac-CCTV li l-parte leza kellu mar-residenza tieghu; dawn ir-ritratti juru zewg persuni, asjatici, it-tnejn bix-xaghar,

[1] Dok TS1 a fol 49 tal-process.

mexjin biswit il-vettura ta' Bianco; wiehed minn dawn il-persuni jidher qed jaghmel moviment b'idejh vicin il-genb tal-vettura; f'xi ritratti din il-persuna tidher anke qed thares lejn il-vettura fil-waqt li ghandha idejha mal-vettura. Il-hin indikat f'dawn ir-ritratti huwa 23.23hrs. Dawn ir-ritratti nghataw lill-ufficjal prosekutur mill-parte leza li anke ha l-izbriga li jindika b'cirku ahmar id din il-persuna mal-genb tal-vettura tieghu. Jidher li f'dan l-ewwel stadju l-parte leza kien qed jahseb li kien il-persuna li jidher f'dawn ir-ritratti li ghamel il-hsara fil-vettura tieghu.  Jidher ukoll li l-ufficjal prosekutur xehdet kif xehdet dwar l-apparenza ta' l-imputat ghaliex influenzata minn dawn ir-ritratti li esebiet hija stess.

Illi l-parte leza Bianco xehed; huwa qal li l-persuni li jidhru fir-ritratti (li huwa stess ta lill-pulizija u li fuqhom qaghad jindika b'cirku ahmar id vicin l-genb tal-vettura tieghu) ma kienux il-persuni li ghamlu l-hsara fil-vettura tieghu. Hu qal li kien l-imputat li ghamel il-hsara; qal ukoll li huwa mhux biss ra lill-imputat jaghmel il-hsara imma adirrittura fir-*recording* mehud mic-CCTV hu sema hoss ta' girfa. Bianco prezenta CD bir-*recording* mehuhda  fid-19 ta' Marzu 2007 u anke xi ritratti; dawn ir-ritratti pero ma juru assolutament xejn li jista' jitqies bhala prova f'din il-kawza.

Illi c-CD prezentat minn Bianco gie ezaminat minn espert nominat mill-Qorti li da parti tieghu inkluda fir-rapport *stills* mehuda minn dan r-recording li juru lill-imputat (b'xaghru mqaxxar) miexi vicin il-vettura ta' Bianco u qed jaghmel moviment simili hafna ghal dak li jidher li qed jaghmel l-persuna asjatika f'l-istills esebieti mill-ufficjal prosekutur. L-imputat jidher hdejn il-vettura ta' Bianco ftit tal-hin wara z-zewg persuni asjatici u cioe f'23.58hrs.

Illi ta' min wiehed jirrileva ukoll li l-imputat u l-parte leza joghqodu f'l-istess triq ghalhekk il-prezenza tieghu, miexi fuq il-bankina, fejn kien hemm il-vettura ta' Bianco tista' tigi facilment gustifikata.

Ikkunsidrat

Illi dawn huma proceduri kriminali fejn kull allegazzjoni tal-prosekuzzjoni fil-konfront ta’l-imputat trid tigi pruvata ‘l hemm minn kull dubbju detatt mir-raguni.

Illi kif fuq spjegat jidher li f’l-istess gurnata u f’hin relattivament qasir ghaddew zewg persuni vicin tal-vettura tal-parte leza u li ghamlu moviment sospett b’idejhom; wiehed minn dawn huwa persuna asjatika u l-iehor huwa l-imputat. Ma ngabet l-ebda prova pero li b’xi mod tista’ tikkonvinci lill-Qorti fil-grad rikjest mill-Ligi li l-hsara verament giet ikkawzata dak in-nhar u bhala rizultat tal-moviment li ghamel l-imputat. Jidher li l-parte leza kellu dan l-istess dubbju li ghandha l-Qorti tant li r-ritratti li huwa ta lill-pulizija meta dawn kienu qed jinvestigaw il-kaz kienu tal-persuni asjatici u mhux ta’l-imputat.

Illi in konkluzzjoni l-Qorti tirreferi ghall-fatt, mhux kontestat mill-imputat, li fil-passat l-istess imputat kien ghamel xi hsara fil-vettura tal-parte leza. Dan il-fatt pero m’ghandu l-ebda relevanza ghall-kaz in ezami u ma jistax  jintuza la favur u lanqas kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------